FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

Fl-atti tas-subbasta
numru **2/2022**
fl-ismijiet:

**JULIETTE TANGO HOLDINGS LIMITED**
[Co. Reg. Nru. C-49462]

***versus***

**ALPHA INVESTMENTS LIMITED**
[REG. NRU. C-44302]

Appuntata għat-23 ta' Ġunju, 2022

681

**Nota** tal-Perit A.I.C. Ivan Giordano [K.I. nru. 341790M].

Illi permezz tagħha, u in segwitu għall-preżentata tar-relazzjoni tal-esponenti, jigi rilevat illi l-proprjetajiet li eventwalment ser jiġu subbastati (u li jinsabu elenkati fir-rikors promotur imressaq fit-12 ta' Jannar, 2022) igawdu u huma soġġetti, *inter alia*, għas-segwenti drittijiet u obbligi, u ċioe:

(i) l-**penthouse numru disa' (9)** kif aħjar deskritta fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, hija soġġetta għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tagħha fil-blokk u tgawdi id-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u trasferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-blokk, inkluż il-lifts, entratura, taraġ u dawk il-partijiet u s-servizzi kollha intiżi għall-użu komuni u bid-dritt tas-sidien tal-propjetajiet sottostanti li jaċċedu għall-arja ta' l-istess penthouse f'ħinijiet raġjonevoli u wara pre-avviż għal-skopijiet ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u bid-dritt ukoll ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank ta' l-ilma ta' ħames mitt (500) litru fuq l-għola bejt u television aerial jew satellite dish komuni;

(ii) l-**penthouse numru għaxra (10)** kif aħjar deskritta fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, hija soġġetta għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tagħha fil-blokk u tgawdi id-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u trasferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-blokk, inkluż il-lifts, entratura, taraġ u dawk il-partijiet u s-servizzi kollha intiżi għall-użu komuni u bid-dritt tas-sidien tal-propjetajiet sottostanti li jaċċedu għall-arja ta' l-istess penthouse f'ħinijiet raġjonevoli u wara pre-avviż għal-skopijiet ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u bid-dritt ukoll ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank ta' l-ilma ta' ħames mitt (500) litru fuq l-għola bejt u television aerial jew satellite dish komuni;

(iii) il-**garaxx numru seba' (7)** kif aħjar deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, igawdi d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u trasferibbli lil terzi tal-partijiet

komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet u huwa soġġett għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tiegħu;

(iv) il-**garaxx numru tmienja (8)** kif aħjar deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, igawdi d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u transferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet u huwa soġġett għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tiegħu;

(v) il-**garaxx numru għaxra (10)** kif aħjar deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, igawdi d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u transferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet u huwa soġġett għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tiegħu;

(vi) il-**garaxx numru tnax (12)** kif aħjar deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Ivan Giordano, igawdi d-dritt ta' użu perpetwu, mhux interrott u transferibbli lil terzi tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet u huwa soġġett għas-servitujiet inerenti u riżultanti mill-posizzjoni tiegħu.

L-informazzjoni imniżżla hawn fuq hija meħudha mill-kuntratti relativi illi l-esponent kellhu access għalihom.

**A.I.C. Ivan Giordano**
*B.E&A. (Hons.), M.Sc Cons. Tech.*
*20, Triq Villa Rosa, Swieqi, SWQ 3342*
*email:* ivan@giordanoperiti.com

Illum 11 ta' Mejju 2022
Deher il-Perit Legali / Tekniku:
AIC Ivan Giordano
Li wara li ddikjara li tħallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/ha.
Deputat Reġistratur

Marvic Farrugia

Annalise Spiteri
Deputat Reġistratur
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Illum 04 MAY 2022 ppreżentata mill-Perit I. Giordano dokumenti B/bla dok.